

Mro Anthony Sammut għalina il-Ġużeppini karkarizi kien ifisser ħafna, l-aktar fil-festa ta' San Gużepp Ħaddiem. Hu kkompona l-'Innu San Gużepp' tant apprezzat minn din il-Parroċċa. Mro Sammut għal bosta snin idderieġa l-Banda San Piju X ta' Ħal-Lija li kemm-il darba kienet mistiedna mill-parroċċa tagħna biex iddoqq il-marċ brijjuż tal-aħħar jum tat-tridu. L-ewwel servizz tal-Banda San Piju X ta' Ħal Lija taħt id-direzzjoni tas-Surmast Sammut fil-festa ta' San Gużepp Ħaddiem imur lura għall-25 ta` Ġunju 1971. Mal-Banda ta' Hal-Lija Mro Sammut dam Surmast Direttur għal 45 sena bejn l-1944 u l-1989.

Mro Sammut twieled f'Birkirkara nhar it-30 t'Ottubru 1921, minn Mikel u Rożina
(xebba Vella). Il-ġenituri ta' Ninu, kif kien magħruf is-surmast, kellhom negozju tal-inbid biswit il-każin tal-Banda Sant'Elena. Eduka ruħu fil-kulleġġ tal-Frères, Bormla. Tgħallem il-mużika għand is-surmastrijiet bravi Vincenzo Costa u ibnu Carmelo Costa L.R.S.M.

Ta'11-il sena Anthony beda l-eżamijiet tal-Associaton of the London College of Music. Minn dal-kulleġġ kiseb midalja tal-fidda u oħra tal-bronż, ċertifikat tal-eżami tas-Seventh Grade – Advanced – *Final – Royal Schools and Royal College of Music (London)* u ta' 24 sena kiseb diploma bit-titlu A.Mus.L.C.M.

Mro Sammut ta' 30 sena kien għalliem tal-kurunetta, surmast tal-armonija, direttur u kompożitur. Hu kellu widna sensibbli, qalb edukata u moħħ intelliġenti.

Ittra interessanti ħafna tal-25 ta' Lulju 1949 mis-Surmast Kompositur Sqalli minn Catania, Giovanni Pennacchio, tgħid hekk:

*"Son lieto di aver assistito al concerto eseguito alla Villa Bellini dalla Banda 'Imperiale' egregiamente diretta dal Mro Antonio Sammut e di costatarne il pieno successo ottenuto davanti ad un publico attento e plaudente. Le doti di alta sensibilità artistica riscontrata l`anno scorso dal giovane Direttore Maestro Sammut si sono pienamente affermate in questo concerto nel quale si rilevano altresì qualità di tecnica in pieno sviluppo sempre protesi verso le alte mete dell`arte. Benaugurando pei futuri successi mi associo al plauso del publico. Cordiali saluti dal Collega Giovanni Pennacchio."*

Mro Pennacchio għaraf s-suċċess kbir li s-Surmast Sammut kiseb f'kunċert imwettaq mill-Banda Imperial tal-Mellieħa f'Villa Bellini u faħħar it-teknika speċjali li kellu u li wasslitu għall-ogħla suċċessi.

Is-Surmast Sammut idderieġa fl-istess Villa Bellini il-Banda La Stella tal-Belt Victoria, Għawdex, fl-1948, u l-Banda Imperial tal-Mellieħa fl-1949.

Mro Sammut kien Direttur tal-Banda Imperial tal-Mellieħa bejn 1948 u l-1980 kif ukoll tal-Banda Nicolò Isouard tal-Mosta bejn 1954 u l-1980. Il-fatt li Mro Sammut serva Surmast Direttur għal ħafna snin ma' dawn it-tliet baned, juri li Mro Sammut kien surmast kapaċi u fuq kollox maħbub ħafna.

Mro Sammut kien anke Surmast Direttur tal-Banda La Stella tal-Belt Għawdxija bejn is-snin 1948-1951. Insibuh ukoll jidderieġi l-Banda Kings Own tal-Belt, il-Banda Sant'Elena ta' Birkirkara u l-Banda Leone tal-Belt Victoria, Għawdex.

Mro Sammut ikkompona diversi xogħlijiet mużikali, fosthom il-Marcia Sinfonika 'Happy Tidings', Poema Simfonika 'Beginning' kif ukoll l-Innu lill-Madonna tal-Karmnu li jindaqq fil-Festa tal-Madonna tal-Karmnu ċċelebrata fis-Santwarju tal-Komunità Tereżjana, Birkirkara, l-Innu Banda Imperial, u l-Innu Banda San Piju X - dan tal-aħħar għandu versi ta' Mons Rev Gużeppi Xerri.

# tifkira ta' Mro Anthony Sammut

kitba ta'

DANIEL VELLA

Mro Sammut kien ukoll kompożitur ta' marċi funebri u dawk brijjużi, fosthom marċi bħall-Victor, Is-Surmast Nin, Michelle, On Parade, Mosè, Doreen, St Paul, u ħafna oħrajn.

Is-Surmast Anthony Sammut ħalla din id-dinja fis-6 t'Ottubru, 1991. Fil-funeral tiegħu f'Birkirkara fl-10 t' Ottubru sar korteo funebri li beda minn Triq il-Wied sa quddiem il-pjazza tas-Santwarju ta' Santa Tereża.

Akkumpanjat il-korteo l-Banda San Piju X li daqqet diversi marċi funebri. Wara saret il-quddiesa funebri fl-istess Santwarju fil-preżenza ta' bosta nies u kumitati ta' baned li ġew f'dal-funeral biex jagħtu l-aħħar tislima lil dan is-surmast li fostna id-dilettanti tal-baned Maltin ma jista' jintesa qatt.





. electric appliances . . kettles . . toasters . . blenders . . vases . .lamps .
. ceiling fans . . jewel boxes . . garden furniture . . households .
. plastic . . furniture . . utensils . . gifts . . fans . . heaters .
. clocks . . picture frames . .bakeware . . crockery . . loosefurniture .
. telephones . . chairs . . dehumidifiers . . fireplaces . . whitegoods .
. DIY . . glasses . . pans. . wineracks .
.bbq . . fridges . . scales . . trolleys . and much much more..........